April 2021

# PARLAMENT EWROPEW

## Gwida għall-kandidati fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-Parlament Ewropew

## 1. INTRODUZZJONI

Kif tiżvolġi kompetizzjoni? Kompetizzjoni tinvolvi sensiela ta' stadji fejn il-kandidati jikkompetu bejniethom; din hija miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea li, sad-data tal-iskadenza stabbilita għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kriterji meħtieġa, toffri l-istess possibilità lill-kandidati kollha biex juru ħiliethom u tippermetti selezzjoni bbażata fuq il-mertu, fir-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Il-kandidati li jgħaddu minn kompetizzjoni jitniżżlu f'lista ta' riżerva li sservi bħala bażi għall-Parlament Ewropew sabiex jimla l-pożizzjonijiet li għalihom tapplika din il-kompetizzjoni.

Kull referenza, f'din il-gwida, għal persuna tas-sess maskil għandha tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna tas-sess femminil, u viċeversa.

Għal kull kompetizzjoni jiġi kostitwit bord ta' selezzjoni, magħmul minn membri maħtura mill-amministrazzjoni u mill-kumitat tal-persunal. Ix-xogħlijiet ta' dan il-bord ta' selezzjoni huma sigrieti u jiżvolġu skont l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([1]).

Il-bord ta' selezzjoni jimxi b'mod strett mar-rekwiżiti ta' eleġibilità msemmija fl-avviż ta' kompetizzjoni biex jiddeċiedi dwar l-eleġibilità jew le ta' kull kandidat. Il-kandidati li kienu ammessi għal kompetizzjoni jew proċedura ta' selezzjoni preċedenti ma jkunux awtomatikament eleġibbli.

Sabiex jagħżel l-aħjar kandidati, il-bord ta' selezzjoni jqabbel il-prestazzjonijiet tal-kandidati sabiex jivvaluta l-ħila tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-avviż ta' kompetizzjoni. Għalhekk ma għandux biss jivvaluta l-livell tal-għarfien, iżda għandu jidentifika wkoll il-persuni l-aktar kwalifikati abbażi tal-merti tagħhom.

Għall-informazzjoni, kompetizzjoni ġeneralment iddum bejn sitt xhur u disa' xhur, skont in-numru tal-kandidati reġistrati.

---

(1) Ara r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru° 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru° 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) kif ukoll mir-Regolament (UE, Euratom) Nru° 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

## 2. L-ISTADJI TAL-KOMPETIZZJONI

Il-kompetizzjoni tikkonsisti mill-istadji li ġejjin:

- wasla tal-fajls tal-applikazzjonijiet,
- preselezzjoni,
- testijiet,
- inklużjoni fil-lista ta' riżerva.

### *2.1 Wasla tal-fajls tal-applikazzjoni*

Jekk tiddeċiedi li tapplika, trid tirreġistra online billi ssegwi b'mod rigoruż kull stadju sal-validazzjoni finali elettronika tal-applikazzjoni tiegħek. Trid tehmeż, preferibbilment fil-format PDF, id-dokumenti ġustifikattivi rilevanti kollha meħtieġa li jagħtu prova li inti tissodisfa r-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-avviż ta' kompetizzjoni, sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni online permezz tal-applikazzjoni "Apply4EP" hija l-uniku mod kif tapplika.

L-applikazzjoni Apply4EP tippermetti download ta' massimu ta' 3 MB għad-dokumenti kollha f'format DOC, DOCX, GIF, JPG, TXT, PDF, PNG u RTF li jiċċertifikaw l-esperjenza professjonali, id-diploma/i u l-għarfien lingwistiku msemmija fil-formola tal-applikazzjoni,

### *2.2 Fażi ta' preselezzjoni*

Il-fażi ta' preselezzjoni tikkonsisti minn żewġ stadji:

a. mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQ) u
b. evalwazzjoni tal-kapaċitajiet.

Il-lista tal-kandidati li ssottomettew il-fajl tal-applikazzjoni tagħhom skont il-modalitajiet u fiż-żmien dovut hija stabbilita mill-Awtorità tal-Ħatra, imbagħad din il-lista tintbagħat flimkien mal-fajls lill-bord ta' selezzjoni.

Dawn il-kandidati jiġu mistiedna jagħmlu t-test ta' preselezzjoni fil-forma ta' mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQ) bil-kompjuter. Il-korrezzjoni tat-test issir bil-kompjuter.

Il-kandidati jirċievu permezz tal-kont Apply4EP tagħhom eżempji ta' mistoqsijiet kif ukoll istruzzjonijiet dwar kif għandhom jagħmlu t-test.

L-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tinsab fl-Anness III ta' din il-gwida. **Trid tikkompletaha u tagħmel upload tagħha fl-Apply4EP fit-taqsima Lingwi oħra (differenti mil-lingwi 1 u 2 hawn fuq) - Dokumenti ġustifikattivi tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek.**

Biex jintgħażlu l-kandidati li se jiġu mistiedna għat-testijiet bil-miktub, il-bord ta' selezzjoni jivverifika, f'ordni dekrexxenti tal-marki miksuba fit-test "mistoqsijiet b'għażla multipla" l-issodisfar tar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi.

Imbagħad, il-bord ta' selezzjoni jevalwa lill-applikanti li l-kwalifiki tagħhom (b'mod partikolari d-diplomi, l-għarfien lingwistiku u l-esperjenza professjonali) ikunu **l-aktar rilevanti** għan-natura tal-funzjonijiet u għall-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti fl-avviż ta' kompetizzjoni.

Il-bord ta' selezzjoni jibbaża l-evalwazzjoni tiegħu **esklużivament** fuq it-tweġibiet mogħtija mill-kandidat fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet, sakemm in-numru ta' kandidati jikkorrispondi għan-numru ta' persuni li jistgħu jiġu mistiedna għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni.

Biex jagħmel is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-bord ta' selezzjoni jeżamina t-tweġibiet mogħtija mill-kandidati fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet. Kull tweġiba tingħata bejn 0 u 4 punti. Il-bord ta' selezzjoni jista' jiddeċiedi li japplika ponderazzjoni ta' bejn 1 u 3 għal kull kriterju ta' selezzjoni, skont l-importanza tiegħu. F'dan il-każ, il-punti mogħtija għal kull tweġiba jiġu mmultiplikati b'dan il-koeffiċjent ta' ponderazzjoni. Il-punti ta' kull kandidat jingħaddu sabiex jiġu identifikati l-persuni li l-profil tagħhom jikkorrispondi l-aħjar għall-funzjonijiet li jridu jitwettqu.

F'każ li diversi kandidati jkunu kisbu l-istess punti għall-aħħar post disponibbli, il-kandidati kollha jiġu mistiedna għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-evalwazzjonijiet tal-kapaċitajiet tal-kandidati li ma jilħqux dan is-soll ma jiġux ikkunsidrati.

### *2.3 Testijiet*

It-testijiet kollha huma obbligatorji u eliminatorji. In-numru massimu ta' kandidati ammessi għat-testijiet huwa stabbilit fl-avviż ta' kompetizzjoni.
Id-deskrizzjoni tat-testijiet u l-marki li jistgħu jingħataw jinsabu fit-Taqsima B.3 tal-avviż ta' kompetizzjoni.

**Dettalji tekniċi – Testijiet online**

Għat-testijiet organizzati online, il-Parlament Ewropew iqabbad lil fornitur ta' servizzi.

Se jkollok għalhekk bżonn ta' kompjuter mgħammar b'sistema operattiva:

- Microsoft Windows 7 jew aktar avvanzata, jew inkella Apple OS X 10.10 "Yosemite" jew aktar avvanzata għal MAC
- 1 GB ta' spazju liberu fuq il-hard disc
- kamera konnessa jew li tagħmel parti mill-kompjuter tiegħek
- konnessjoni tal-internet
- 4 GB ta' RAM

Is-sistemi operattivi XP, Vista u anqas avvanzata, Windows 10 S, Windows ARM (RT), MacOS anqas minn 10.10, IOS (Ipad, Iphone), Android, Chromebook, Machine virtuelle, Linux (debian, ubuntu, ...) ma jgħoddux.

Se jkollok ukoll bżonn id-drittijiet ta' amministratur għall-kompjuter biex timblokka l-aċċess għall-applikazzjonijiet (dokumenti, software ieħor, siti web, eċċ.) ħlief dik tal-fornitur tas-servizz matul tat-test.

Trid taċċerta ruħek li d-data u l-ħin tal-kompjuter tiegħek ikunu ssettjati tajjeb u li r-riżoluzzjoni tal-iskrin tiegħek tkun korretta.

**Trid tniżżel, tinstalla, tivverifika u tittestja l-applikazzjoni mill-anqas ġimgħa qabel it-test.** Sabiex tittestja l-applikazzjoni wara li tkun installajtha, trid tagħmel test ta' prerekwiżiti tekniċi. **Dan it-test ta' prerekwiżiti tekniċi huwa obbligatorju,** iżda ma jkunx jgħodd għall-marka tiegħek. Dan jippermettilek tiffamiljarizza ruħek mal-applikazzjoni u mal-użu tagħha.

**Kull antivirus fuq il-kompjuter irid jiġi diżattivat matul it-test.**

Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni, ikollok problema teknika, informa lill-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti b'email f'dan l-indirizz: PERS-APPLY4EPContacts@europarl.europa.eu, jew permezz tal-kont Apply4EP tiegħek, billi tindika b'mod ċar in-numru u t-titlu tal-kompetizzjoni kif ukoll il-problema li kellek, sabiex inkunu nistgħu neżaminaw il-kwistjoni u, jekk ikun meħtieġ, nieħdu miżuri korrettivi.

**F'jum it-test: Matul it-test, agħmel dak kollu li jkun meħtieġ biex ma jkollokx għalfejn titlaq minn quddiem il-kompjuter tiegħek. Fil-"Gwida għall-kandidat", li se tintbagħatlek mal-ittra ta' stedina għat-test, issib aktar informazzjoni dwar kif se jseħħ it-test u dwar x'għandek u x'ma għandekx tagħmel matul it-testijiet.**

**Jekk issib problema matul it-test, ċempel minnufih lill-fornitur tas-servizz fuq +33 1 83 62 09 28** biex tinstab soluzzjoni għall-problema u biex tkun tista' tkompli t-test tiegħek.

F'każ ta' abbandun min-naħa tal-kandidat, it-testijiet ma jiġux ikkoreġuti.

Għal raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet jistgħu jsiru fl-istess jum, iżda dawn it-testijiet jiġu kkoreġuti fl-ordni li fihom jidhru t-testijiet fl-avviż ta' kompetizzjoni. B'hekk, meta kandidat ma jiksibx il-marka minima meħtieġa f'test, il-bord ta' selezzjoni ma jikkoreġix it-test suċċessiv.

## *2.5 Lista ta' riżerva*

In-numru massimu tal-kandidati stabbilit fl-avviż ta' kompetizzjoni biss jiddaħħal fil-lista ta' riżerva. Din issir disponibbli għall-pubbliku bl-ismijiet tal-kandidati magħżula.

Il-fatt li isem ta' kandidat jitniżżel fil-lista ta' riżerva jfisser li jista' jiġi mistieden minn wieħed mis-servizzi tal-istituzzjoni għal intervista, iżda ma jikkostitwix dritt jew garanzija ta' reklutaġġ min-naħa tal-istituzzjoni.

# **3. KIF TAPPLIKA?**

## *3.1 Kwistjonijiet ġenerali*

Qabel ma tapplika, aqra sew ir-rekwiżiti meħtieġa fl-avviż ta' kompetizzjoni rigward l-esperjenza professjonali, it-taħriġ u l-ħiliet lingwistiċi. Għandek taqra l-avviż ta' kompetizzjoni u din il-gwida u taċċetta l-kondizzjonijiet tagħhom. Inti mistieden tapplika

għall-pożizzjonijiet li għalihom tissodisfa tal-anqas il-kriterji mitluba u li jkollok prova tal-ħiliet meħtieġa.

Il-Parlament Ewropew joffri pjattaforma online, Apply4EP, li permezz tagħha tista' tapplika għall-kompetizzjonijiet tiegħu. Tista' tiġi kkonsultata fl-indirizz li ġej: https://apply4ep.gestmax.eu. Biex toħloq kont f'Apply4EP, ikklikkja fuq it-tab "Applika online" li tinsab fi tmiem l-avviż ta' kompetizzjoni li tkun tixtieq tapplika għaliha, u segwi l-istruzzjonijiet.

Tista' toħloq biss kont wieħed. Madankollu, tista' timmodifika d-data rreġistrata sabiex taġġorna l-informazzjoni tiegħek kollha.

Ħejji minn qabel id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa għaliex il-formola tal-applikazzjoni tista' ssir biss fi stadju wieħed. **Importanti**: S'issa, Apply4EP ma għandhiex sistema li tippermetti li tissejvja. Konsegwentement, jekk titlaq mill-paġna mingħajr ma tiffinalizza l-formola tal-applikazzjoni, titlef l-informazzjoni kollha mniżżla u jkollok terġa' tibda mill-bidu.

**Inti meħtieġ timla online** l-formola tal-applikazzjoni u tehmeż, preferibbilment fil-format PDF, id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa. **Trid tikkompleta l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet u tindika b'mod ċar il-lingwa 3 tiegħek fid-dikjarazzjoni tal-għarfien tal-lingwa 3 (Anness III). Ladarba tkun ikkompletajtha, trid tagħmel upload tagħha fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek fit-tab Lingwi oħra (differenti mil-lingwa 1 u mil-lingwa 2 hawn fuq) - Dokumenti ġustifikattivi tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek.** Ma jkunx possibbli li tirreġistra wara li tkun għaddiet id-data ta' skadenza stabbilita f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni. Huwa ferm irrakkomandat li ma tistenniex sal-aħħar jum biex tippreżenta l-formola tal-applikazzjoni tiegħek. Il-Parlament Ewropew ma jistax jinżamm responsabbli ta' funzjonament ħażin eventwali tal-aħħar minuta li jista' jkun partikolarment dovut għal użu eċċessiv tas-sistema.

Kwalunkwe dokument li ma jiġix mehmuż mal-formola online u jintbagħat mod ieħor, ma jiġix ikkunsidrat.

L-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti mhijiex se taċċetta l-applikazzjonijiet li jiġu ppreżentati bl-idejn.

Jekk għandek diżabilità jew tinsab f'sitwazzjoni partikolari (pereżempju tqala, treddigħ, problemi ta' saħħa, trattament mediku, eċċ.), li tista' tikkawża diffikultajiet waqt l-iżvolġiment tat-testijiet, għandek tindikaha fil-formola tal-applikazzjoni u tagħti kull informazzjoni utli sabiex l-amministrazzjoni, jekk ikun possibbli, tkun tista' tieħu l-miżuri kollha neċessarji fil-limiti ta' dak li jitqies bħala raġonevoli. Fejn xieraq, fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek, għandek tagħti dettalji preċiżi utli dwar il-miżuri li taħseb li huma meħtieġa sabiex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tiegħek fit-testijiet. Innota li, biex it-talba tiegħek tkun tista' tiġi kkunsidrata, trid tibgħat ċertifikat maħruġ mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku. Id-dokumenti ġustifikattivi tiegħek jiġu eżaminati sabiex tkun tista' ssir akkomodazzjoni raġonevoli f'każ ta' bżonn.

### *3.2 Kif tibgħat il-fajl komplut?*

1. Applika online billi tuża l-link fl-avviż ta' kompetizzjoni u imla fid-dettall l-iskrins kollha, pass pass. Biex tagħmel dan, irid ikollok kont WIEĦED BISS fuq il-pjattaforma Apply4EP, li inti tista' toħloq billi tikklikkja fuq "Applika online".

2. Ehmeż id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa, li tkun innumerajt u kkonvertejt minn qabel, preferibbilment fil-format PDF. Il-pjattaforma APPLY4EP tippermetti li tagħmel upload ta' dokument ta' **daqs massimu ta' 3 MB għal kull perjodu ta' esperjenza professjonali u kull diploma kif ukoll għall-kwestjonarju tal-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet u d-dikjarazzjoni tal-għarfien lingwistiku**.

3. Ivvalida l-applikazzjoni tiegħek billi ssegwi l-istruzzjonijiet tal-applikazzjoni u qabel id-data tal-iskadenza indikata fl-avviż ta' kompetizzjoni. Ladarba tkun ivvalidajt il-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ma tkun tista' tagħmel ebda tibdil u lanqas iżżid dokumenti.

### 3.3 *Liema dokumenti ġustifikattivi għandek tehmeż mal-fajl?*

#### 3.3.1

#### Kwistjonijiet ġenerali

Id-dokumenti, preferibbilment fil-format PDF, li tkun għamilt upload tagħhom meta tkun irreġistrajt online, ma għandhomx ikollhom il-marka "Kopja awtentika".

Ir-referenzi għal siti tal-internet ma jistgħux jitqiesu bħala dokumenti ġustifikattivi.

Id-dokumenti stampati minn siti tal-internet ma jitqisux bħala ċertifikati, iżda jistgħu jinhemżu bħala informazzjoni addizzjonali.

**Curriculum vitæ mhuwiex meqjus bħala dokument ġustifikattiv tal-esperjenza professjonali, tad-diploma/i jew tal-għarfien lingwistiku.**

Inti ma tistax tirreferi għal applikazzjonijiet għal kompetizzjonijiet jew proċeduri ta' selezzjoni oħra jew għal dokumenti mibgħuta b'rabta ma' applikazzjonijiet oħra.

**Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni, jiġi kkonstatat li d-dikjarazzjonijiet fornuti fil-formola tal-applikazzjoni ma jkunux eżatti, ma jkunux ikkonfermati mid-dokumentazzjoni mibgħuta jew ma jikkorrispondux għar-rekwiżiti kollha ta' dan l-avviż ta' kompetizzjoni, jew li inti tkun ħloqt iktar minn kont wieħed, il-parteċipazzjoni tiegħek fil-kompetizzjoni tiġi kkanċellata.**

#### 3.3.2 Dokumenti ġustifikattivi għar-rekwiżiti ġenerali

F'dan l-istadju l-ebda dokument ma huwa meħtieġ biex jiġġustifika li inti:

— tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

— tgawdi d-drittijiet ċivili tiegħek,

— tkun tissodisfa kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari,

— toffri l-garanziji ta' moralità mitluba għat-twettiq tal-funzjonijiet previsti,

— ikollok għarfien tal-lingwi 1 u 2 indikati fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek.

**Inti trid timmarka l-kaxxa "Dikjarazzjoni".** Billi timmarka din il-kaxxa, inti tiddikjara solennement li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti u li l-informazzjoni fornuta hija veraċi u kompleta. Dawn id-dokumenti se jintalbulek madankollu matul ir-reklutaġġ.

### 3.3.3 Dokumenti ġustifikattivi għar-rekwiżiti speċifiċi u l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet

Jeħtieġlek tipprovdi lill-bord ta' selezzjoni l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jippermettulu jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-formola tal-applikazzjoni.

- **Diplomi u/jew ċertifikati li jiċċertifikaw it-tlestija tal-istudji**

Jeħtieġlek tipprovdi, f'forma ta' dokumenti, preferibbilment fil-format PDF, mehmuża mar-reġistrazzjoni online, id-diplomi tal-edukazzjoni sekondarja, il-kwalifiki universitarji jew iċ-ċertifikati li jiċċertifikaw l-istudji tal-livell meħtieġ fl-avviż ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-bord ta' selezzjoni jqis is-sistemi edukattivi differenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Anness I ta' din il-gwida).

Għad-diplomi postsekondarji, għandha tinhemeż l-aktar informazzjoni dettaljata possibbli, speċjalment dwar it-tul ta' żmien tal-istudji u s-suġġetti studjati, sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jivvaluta r-rilevanza tad-diplomi meta mqabbla man-natura tal-funzjonijiet.

Fil-każ ta' taħriġ tekniku jew professjonali, jew kors ta' perfezzjonament jew speċjalizzazzjoni, jeħtieġlek tindika jekk kontx kors full time jew part time jew kors ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti u t-tul uffiċjali tal-korsijiet. Jekk jogħġbok agħmel upload ta' din l-informazzjoni f'dokument wieħed, preferibbilment fil-format PDF.

- **Esperjenza professjonali**

Jekk l-avviż jeżiġi esperjenza professjonali, titqies biss dik li l-kandidat kiseb **wara l-kisba tad-diploma jew iċ-ċertifikat meħtieġ**. Huwa indispensabbli li d-dokumenti ġustifikattivi jagħtu prova **tat-tul u l-livell** tal-esperjenza professjonali u li **d-deskrizzjoni tal-kompiti mwettqa** tkun **dettaljata kemm jista' jkun** sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jivvaluta r-rilevanza tal-esperjenza b'rabta man-natura tal-funzjonijiet. Jekk għandek bosta dokumenti għall-istess esperjenza professjonali jeħtieġlek tagħmel upload tagħhom f'dokument wieħed.

Il-perjodi kollha tal-attività professjonali kkonċernati għandhom ikunu koperti minn dokumenti ġustifikattivi, speċjalment:

— ċertifikati minn min kien iħaddem il-kandidat preċedentement u minn min iħaddem il-kandidat fil-preżent li jiġġustifikaw l-esperjenza professjonali mitluba għall-aċċess għall-kompetizzjoni;

— jekk, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-kandidati ma jistgħux jehmżu ċ-ċertifikati tal-impjiegi meħtieġa, *huwa essenzjali* li, sabiex jissostitwuhom, ifornu fotokopji tal-kuntratt tax-xogħol jew tal-ittra ta' reklutaġġ u tal-ewwel u l-aħħar karta tal-paga;

— għal dawk li ma jaħdmux bħala impjegati (dawk li jaħdmu għal rashom, professjonijiet liberali, eċċ.), jistgħu jkunu aċċettati bħala prova rċevuti li jagħtu

dettalji dwar is-servizzi mogħtija jew kull dokument ġustifikattiv ieħor uffiċjali rilevanti.

- **Għarfien lingwistiku**

  Għall-profili lingwistiċi, u jekk ikun mitlub mill-avviż ta' kompetizzjoni, jeħtieġlek tiġġustifika t-tielet u, eventwalment, ir-raba' lingwa, fost l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, billi tikkompleta d-dikjarazzjoni u tispeċifika l-livell ta' għarfien tal-lingwa (Anness III).

- **Evalwazzjoni tal-kapaċitajiet**

  Jeħtieġlek twieġeb sensiela ta' mistoqsijiet. Il-mistoqsijiet huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-avviż ta' kompetizzjoni u t-tweġibiet tiegħek jiġu evalwati mill-bord ta' selezzjoni. Il-kandidati kollha f'kompetizzjoni jwieġbu l-mistoqsijiet kollha. It-tweġibiet ta' kull kandidat jiġu ppreżentati lill-bord ta' selezzjoni fl-istess format, sabiex il-bord ikun jista' jwettaq evalwazzjoni dettaljata u oġġettiva tal-merti komparattivi tal-kandidati kollha.

## 4. SKWALIFIKI

Inti tkun skwalifikat jekk:

- fi kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni, jiġi kkonstatat li d-dikjarazzjonijiet fornuti fil-formola tal-applikazzjoni ma jkunux eżatti, ma jkunux ikkonfermati mid-dokumentazzjoni mitluba b'appoġġ għal dan, jew ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha ta' dan l-avviż ta' kompetizzjoni;
- tkun ħloqt aktar minn kont wieħed;
- tkun ikkuntattjajt direttament jew indirettament lill-membri tal-bord ta' selezzjoni.

## 5. AVVIŻ

Hija r-responsabilità tiegħek li tieħu l-miżuri kollha sabiex l-applikazzjoni online tiegħek, ikkompletata kif xieraq, u akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi meħtieġa kollha, tiġi vvalidata f'Apply4EP sal-iskadenza stabbilita fl-avviż ta' kompetizzjoni. Kull applikazzjoni li tintbagħat b'Apply4EP tiġi kkonfermata b'email iġġenerata mill-pjattaforma, li tispeċifika li l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.

**L-applikazzjonijiet li jintbagħtu b'mod ieħor u mhux b'Apply4EP ma jiġux ikkunsidrati. Għaldaqstant, huwa inutli li tintbagħat applikazzjoni bil-posta, irreġistrata jew le. L-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti lanqas mhi se taċċetta applikazzjonijiet li jitressqu bl-idejn.**

Kull korrispondenza tal-Parlament Ewropew b'rabta mal-kompetizzjoni, inklużi l-istediniet għat-testijiet u l-komunikazzjoni tar-riżultati, tintbagħat bl-email fl-indirizz li inti tkun indikajt fil-formola tal-applikazzjoni waqt ir-reġistrazzjoni tiegħek online. Inti għandek ir-responsabilità li tivverifika regolarment il-messaġġi tal-kont tal-email tiegħek u li taġġorna l-kont tiegħek f'każ li tinbidel l-informazzjoni personali tiegħek. Il-komunikazzjoni mal-

kandidati (inklużi l-istediniet għat-testijiet u l-komunikazzjoni tar-riżultati) issir biss bil-lingwa tan-notifiki magħżula mill-kandidati.

Sabiex tinżamm l-indipendenza tal-bord ta' selezzjoni, kull kuntatt, dirett jew indirett, tal-kandidati mal-bord huwa formalment ipprojbit u jista' jwassal għall-esklużjoni tagħhom mill-kompetizzjoni.

L-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti hija inkarigata mill-komunikazzjoni mal-kandidati sa tmiem il-kompetizzjoni. Jekk diġà għandek kont Apply4EP, tista' tikteb permezz ta' dak il-kont. Jekk għad m'għandekx kont, tista' tikteb fl-indirizz li ġej: PERS-APPLY4EPContacts@europarl.europa.eu

## 6. INFORMAZZJONI ĠENERALI

### *6.1 Opportunitajiet indaqs*

Il-Parlament Ewropew jiżgura li jevita kull forma ta' diskriminazzjoni.

Huwa japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

### *6.2 Talbiet għal aċċess mill-kandidati għall-informazzjoni li tikkonċernahom*

Fil-kuntest tal-kompetizzjoni, jiġi rikonoxxut id-dritt speċifiku tal-kandidati li jkollhom aċċess, skont il-kondizzjonijiet deskritti hawn taħt, għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. Bis-saħħa ta' dan id-dritt, il-Parlament Ewropew jista' jagħti lil kandidati, fuq talba tagħhom, l-informazzjoni kif ġej:

a) il-kandidati li ma jkunux għaddew mit-testijiet bil-miktub u/jew ma kinux fost dawk li ġew mistiedna għat-testijiet orali jistgħu jiksbu kopja ta' dawn it-testijiet kif ukoll kopja tal-karta tal-evalwazzjoni individwali li tinkludi l-valutazzjonijiet mogħtija mill-bord ta' selezzjoni. Kull talba għandha tiġi ppreżentata fi żmien xahar li jibda jiddekorri mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika d-deċiżjoni.

b) il-kandidati li ġew mistiedna għat-testijiet orali u li ma tniżżlux fil-lista ta' riżerva jiġu informati bir-riżultati tagħhom fit-testijiet differenti wara li l-bord ta' selezzjoni jkun stabbilixxa l-lista ta' riżerva. Fuq talba tagħhom, jistgħu jiksbu kopja tat-testijiet bil-miktub tagħhom u, għal kull wieħed mit-testijiet, bil-miktub jew orali, kopja tal-karti individwali li jinkludu l-valutazzjonijiet mogħtija mill-bord ta' selezzjoni. Kull talba għal kopja għandha tiġi ppreżentata fi żmien xahar li jibda jiddekorri mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika d-deċiżjoni li isimhom ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva.

c) il-kandidati mniżżla fil-lista ta' riżerva jiġu informati biss li huma għaddew mill-kompetizzjoni.

It-talbiet huma pproċessati b'kunsiderazzjoni tas-segretezza tax-xogħlijiet tal-bord ta' selezzjoni prevista mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Anness III, Artikolu 6) u fir-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi rigward l-ipproċessar tad-data personali.

### *6.3 Protezzjoni tad-data personali*

Il-Parlament Ewropew, bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata fir-rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 295, 21.11.2018)*, speċjalment rigward il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħhom.

### *6.4 Spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ f'każ ta' testijiet organizzati bi preżenza fiżika*

Il-kandidati mistiedna għat-testijiet jirċievu kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ tagħhom. Il-kandidati jiġu informati bl-arranġamenti u bit-tariffi applikabbli waqt l-istedina tagħhom għat-testijiet.

L-indirizz mogħti mill-kandidat fil-formola tal-applikazzjoni jitqies bħala l-post li minnu l-kandidat jitlaq biex jattendi t-testijiet. F'dan ir-rigward, bidla fl-indirizz ikkomunikata mill-kandidat wara li l-Parlament Ewropew ikun bagħat l-istedina għat-testijiet ma tistax tiġi kkunsidrata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew iqis li ċ-ċirkostanzi msemmija mill-kandidat ikunu ekwivalenti għal forza maġġuri jew ikun każ mhux mistenni.

## 7. TALBIET GĦAL RIEŻAMI – APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

L-informazzjoni rigward it-talbiet għal rieżami, il-mezzi ta' rikors u l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew jinsabu fl-Anness III ta' din il-gwida.

# ANNESS I

Tabella **indikattiva** tad-diplomi li jagħtu aċċess għall-kompetizzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AD[1].

| PAJJIŻ | Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar | Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar |
|---|---|---|
| **Belgique – België – Belgien** | Licence/Licentiaat / Diplôme d'études approfondies (DEA) / Diplôme d'études spécialisées (DES) / Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) / Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) / Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) / Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS)<br>Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS)/ Aggregaat<br>Ingénieur industriel/Industrïeel ingenieur / Master — 60/120 ECTS / Master complémentaire — 60 ECTS ou plus<br>Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS) — 30 ECTS<br>Doctorat/Doctoraal Diploma | Bachelor académique (dit «de transition») - 180 ECTS<br>Academisch gerichte Bachelor - 180 ECTS |
| **България** | Диплома за висше образование Бакалавър — 240 ECTS / Магистър — 300 ECTS / Доктор<br>Магистър след Бакалавър — 60 ECTS / Магистър след Професионален бакалавър по … — 120 ECTS | |
| **Česká republika** | Diplom o ukončení vysokoškolského studia / Magistr / Doktor | Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář) |
| **Danmark** | Kandidatgrad/Candidatus / Master/Magistergrad (Mag.Art) / Licenciatgrad / Ph.d.-grad | Bachelorgrad (B.A or B. Sc) / Professionsbachelorgrad / Diplomingeniør |
| **Deutschland** | Master (alle Hochschulen) / Diplom (Univ.) / Magister / Staatsexamen / Doktorgrad | Bachelor / Fachhochschulabschluss (FH) Staatsexamen (Regelstudienzeit 3 Jahre) |
| **Eesti** | Rakenduskõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) / Magistrikraad / Arstikraad / Hambaarstikraad / Loomaarstikraad / Filosoofiadoktor / Doktorikraad (120–160 ainepunkti) | Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti) / Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti) |
| **Éire/Ireland** | Céim Onórach Bhaitsiléara (4 bliana/240 ECTS) *Honours Bachelor Degree* (4 *years*/ 240 ECTS) / Céim Ollscoile *University Degree /* Céim Mháistir (60-120 ECTS) *Master's Degree* (60-120 ECTS) / Céim Dochtúra *Doctorate* | Céim Onórach Bhaitsiléara (3 bliana/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) *Honours Bachelor Degree* (3 *years*/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) |
| **Ελλάδα** | Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης) 4 χρόνια (1ος κύκλος)<br>Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδίκευσης (2ος κύκλος)<br>Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος) | |
| **España** | Licenciado / Ingeniero / Arquitecto / Graduado / Máster Universitario / Doctor | Diplomado / Ingeniero técnico Arquitecto técnico/Maestro |
| **France** | Maîtrise / MST (maîtrise des sciences et techniques) / MSG (maîtrise des sciences de gestion)<br>DEST (diplôme d'études supérieures techniques) / DRT (diplôme de recherche technologique)<br>DESS (diplôme d'études supérieures spécialisées) / DEA (diplôme d'études approfondies)<br>Master 1 / Master 2 professionnel / Master 2 recherche<br>Diplôme des grandes écoles / Diplôme d'ingénieur / Doctorat | Licence |
| **Italia** | Diploma di Laurea (DL) — da 4 a 6 anni / Laurea specialistica (LS) / Laurea magistrale (LM) / Master universitario di primo livello / Master universitario di secondo livello / Diploma di Specializzazione (DS) / Dottorato di ricerca (DR) | Diploma universitario (3 anni) / Diploma di Scuola diretta a fini speciali (3 anni) / Laurea — L180 crediti |

([1]) L-aċċess għall-gradi 7 sa 16 tal-grupp ta' funzjonijiet AD huwa soġġett għall-kondizzjoni addizzjonali ta' esperjenza professjonali adegwata ta' mill-anqas sena.

| | | |
|---|---|---|
| **Κύπρος** | Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor<br>Master / Doctorat | |
| **Latvija** | Bakalaura diploms (160 kredīti) / Profesionālā bakalaura diploms / Maģistra diploms / Profesionālā maģistra diploms / Doktora grāds | Bakalaura diploms (min. 120 kredīti) |
| **Lietuva** | Aukštojo mokslo diplomas / Bakalauro diplomas / Magistro diplomas / Daktaro diplomas / Meno licenciato diplomas | Profesinio bakalauro diplomas Aukštojo mokslo diplomas |
| **Luxembourg** | Master / Diplôme d'ingénieur industriel / DESS en droit européen | Bachelor / Diplôme d'ingénieur technicien |
| **Magyarország** | Egyetemi oklevél / Alapfokozat – 240 kredit / Mesterfokozat / Doktori fokozat | Főiskolai oklevél / Alapfokozat – 180 kredit vagy annál több |
| **Malta** | Bachelor's degree / Master of Arts / Doctorate | Bachelor's degree |
| **Nederland** | HBO Bachelor degree<br>HBO/WO Master's degree<br>Doctoraal examen /Doctoraat | Bachelor (WO) |
| **Österreich** | Master Magister/Magistra<br>Magister/Magistra (FH)<br>Diplom-Ingenieur/in<br>Diplom-Ingenieur/in (FH)<br>Doktor/in<br>PhD | Bachelor<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea<br>Bakkalaureus/Bakkalaurea (FH) |
| **Polska** | Magister / Magister inżynier<br>Dyplom doktora | Licencjat / Inżynier |
| **Portugal** | Licenciado / Mestre / Doutor | Bacharel / Licenciado |
| **Republika Hrvatska** | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica)<br>Stručni Specijalist<br>Master degree (magistar struke) 300 kredit min<br>magistar inženjer/ magistrica inženjerka (mag. ing).<br>Doktor struke / Doktor umjetnosti | Baccalaureus / Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik / Prvostupnica) |
| **România** | Diplomă de Licenţă / Diplomă de inginer / Diplomă de urbanist / Diplomă de Master / Diplomă de Studii Aprofundate / Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) / Diplomă de doctor | Diplomă de Licență |
| **Slovenija** | Univerzitetna diploma/ Magisterij / Specializacija / Doktorat | Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi |
| **Slovensko** | diplom o ukončení vysokoškolského štúdia / bakalár (Bc.) / magister magister/inžinier / ArtD | diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (bakalár) |
| **Suomi/ Finland** | Maisterin tutkinto — Magister-examen<br>Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 160 opintoviikkoa — studieveckor)<br>Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen — antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen / Lisensiaatti/Licentiat | Kandidaatin tutkinto - Kandidatexamen / Ammattikorkeakoulututkinto - Yrkeshögskoleexamen (min 120 opintoviikkoa — studieveckor) |
| **Sverige** | Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) / Licentiatexamen / Doktorsexamen<br>Meriter på avancerad nivå: Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng / Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng<br>Meriter på forskarnivå: Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng / Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng | Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng)<br>Meriter på grundnivå:<br>Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor) |
| **United Kingdom** | Honours Bachelor degree / Master's degree (MA, MB, MEng, MPhil, MSc) / Doctorate | (Honours) Bachelor degree<br>NB: Master's degree in Scotland |
| | | |

# ANNESS II

## TALBIET GĦAL RIEŻAMI – APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Jekk tqis li deċiżjoni laqtitek b'mod negattiv, tista' titlob li jsir rieżami tagħha, tappella jew tippreżenta lment lill-Ombudsman Ewropew ([1]).

**Talbiet għal rieżami**

Inti tista' titlob lill-bord ta' selezzjoni r-rieżami tad-deċiżjonijiet li ġejjin:
– in-nuqqas ta' stedina għal test bil-miktub u
– in-nuqqas ta' stedina għat-testijiet orali.

Id-deċiżjoni li kandidat ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva ma tistax tkun soġġetta għal rieżami mill-bord ta' selezzjoni.

It-talbiet għal rieżami motivati għandhom jintbagħtu permezz tal-kont Apply4EP tiegħek fi żmien **għaxart ijiem kalendarji li jiddekorru mid-data tal-email li tinnotifika din id-deċiżjoni**. It-tweġiba tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli.

**Appelli**

– Il-kandidati jistgħu jippreżentaw appell abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([2]), indirizzat lil:

M. le Secrétaire général
Parlement européen
Bât. Konrad Adenauer
2929 Luxembourg
LUXEMBOURG

Din il-possibilità hija miftuħa għall-istadji kollha tal-kompetizzjoni.

Għandha tiġi nnutata s-setgħa ta' valutazzjoni wiesgħa li għandhom il-bordijiet ta' selezzjoni, li jiddeliberaw b'indipendenza sħiħa u li d-deċiżjonijiet tagħhom ma jistgħux jinbidlu mill-Awtorità tal-Ħatra. Din is-setgħa ta' valutazzjoni wiesgħa mhix soġġetta għall-kontroll għajr f'każ ta' ksur evidenti tar-regoli li jirregolaw il-ħidma tagħhom. Id-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni tista' b'hekk titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea anke jekk ma

(1) Il-preżentazzjoni ta' talbiet għal rieżami, appelli jew ilmenti lill-Ombudsman Ewropew ma jwaqqfux ix-xogħol tal-bord ta' selezzjoni.

(2) Ara r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru° 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru° 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) kif ukoll mir-Regolament (UE, Euratom) Nru° 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

jkun ġie ppreżentat ebda lment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- L-appell għandu jitressaq lil: Tribunal de l'Union européenne
  2925 Luxembourg
  LUXEMBOURG,

abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 91 tar-Regolament tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din il-possibilità hija miftuħa biss għad-deċiżjonijiet meħuda mill-bord ta' selezzjoni.

F'każ ta' deċiżjonijiet amministrattivi li jirrifjutaw l-aċċess għall-kompetizzjoni minħabba n-nuqqas ta' konformità tal-applikazzjoni mar-rekwiżiti ta' eleġibilità kif stipulat fil-punt B.1. tal-avviż ta' kompetizzjoni, jista' jsir appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea biss wara li jsir appell kif imsemmi hawn fuq.

It-tressiq ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ b'mod obbligatorju l-intervent ta' avukat li jista' jeżerċita quddiem ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li japplikaw għal dawn iż-żewġ tipi ta' appelli jibdew jgħoddu, jew mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni inizjali li tolqot b'mod negattiv jew, fil-każ ta' talba għal rieżami, mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni meħuda mill-ġurija wara r-rieżami.

**Ilmenti mressqa lill-Ombudsman Ewropew**

Bħal kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni Ewropea, il-kandidati jistgħu jippreżentaw ilment lil:

Médiateur européen
1, avenue du Président Robert Schuman - BP 403
67001 STRASBOURG CEDEX
FRANCE,

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kondizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (ĠU L 113, 4.5.1994).

Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kandidati għall-fatt li r-riferimenti lill-Ombudsman ma jissospendux il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' appell quddiem it-Tribunal tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bi qbil mal-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew ma jeżaminax l-ilmenti meta l-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċedura ġuridika.

# ANNESS III - EVALWAZZJONI TAL-KAPAĊITAJIET u DIKJARAZZJONI TA' GĦARFIEN tal-Lingwa 3

**KOMPETIZZJONI PE/AD/261/2021**

**Professjonist tal-lingwi u l-interkulturalità tal-lingwa Ingliża (AD 5)**

**Evalwazzjoni tal-kapaċitajiet**

*Biex jagħmel is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-bord ta' selezzjoni jeżamina t-tweġibiet mogħtija mill-kandidati fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet.*

*Kull tweġiba tingħata bejn 0 u 4 punti.*

*Il-bord ta' selezzjoni jista' jiddeċiedi li japplika ponderazzjoni ta' bejn 1 u 3 għal kull kriterju ta' selezzjoni, skont l-importanza tiegħu. F'dan il-każ, il-punti mogħtija għal kull tweġiba jiġu mmultiplikati b'dan il-koeffiċjent ta' ponderazzjoni.*

*Il-punti ta' kull kandidat jingħaddu sabiex jiġu identifikati l-persuni li l-profil tagħhom jikkorrispondi l-aħjar għall-funzjonijiet li jridu jitwettqu.*

*Biex tindika t-tul ta' esperjenza (data tal-bidu - data tat-tmiem), uża l-formula li ġejja: JJ/XX/SSSS - JJ/XX/SSSS.*

*<u>Ipprovdi l-informazzjoni mitluba hawn taħt u agħti tweġiba għall-kriterji ta' selezzjoni kollha.</u>*

| | |
|---|---|
| **KUNJOM u isem:** | |

| Nru. | Kriterji ta' selezzjoni |
|---|---|
| **1a** | **Għandek diplomi universitarji jew lawrja ta' Master fit-traduzzjoni, fil-lingwi moderni jew f'qasam lingwistiku ieħor?**<br><br>☐ Iva ☐ Le |
| 1b | Jekk iva, jekk jogħġbok indika:<br><br>- l-isem tad-diploma/i:<br><br>- l-isem/ismijiet tal-università/universitajiet:<br><br>- il-lingwi kkonċernati:<br><br>- il-marka/i miksuba: |

| | |
|---|---|
| | - it-tul tal-istudji: |
| **2** | **Agħti dettalji tal-livelli ta' għarfien tal-lingwi 2 u 3 (billi tuża l-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL))[3] kif indikati fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek. Iddikjara kif ksibt dak l-għarfien.**<br><br>**Lingwa 2:**<br><br>**Lingwa 3:** |
| **3a** | **Għandek għarfien ta' lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea minbarra dawk indikati fil-mistoqsija 2 hawn fuq?**<br><br>☐ Iva ☐ Le |
| 3b | Jekk iva, indika l-lingwi uffiċjali l-oħra li taf, il-livelli ta' għarfien tiegħek ta' dawn il-lingwi (Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi - QKERL)[4] u kif ksibt dan l-għarfien.<br><br>Lingwa 4:<br><br>Lingwa 5:<br><br>(eċċ.) |
| **4a** | **Għandek esperjenza professjonali fit-traduzzjoni ta' testi jew ta' kontenut awdjoviżiv, l-editjar jew ir-reviżjoni lingwistika?**<br><br>☐ Iva ☐ Le |
| 4b | Jekk iva, jekk jogħġbok indika:<br><br>- in-natura tal-esperjenza/i:<br><br>- il-lingwa/i użata/i:<br><br>- it-tul tal-esperjenza/i: |

[3] Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza | Europass
[4] Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza | Europass

| | |
|---|---|
| | |
| **5a** | **Għandek esperjenza professjonali fl-abbozzar ta' testi maħsuba għall-pubblikazzjoni?**<br><br>☐ Iva ☐ Le |
| 5b | Jekk iva, jekk jogħġbok indika:<br><br>- it-tul tal-esperjenza/i:<br><br>- l-isem ta' min iħaddem:<br><br>- in-natura tal-esperjenza/i:<br><br>- il-funzjoni u l-livell ta' responsabilità tiegħek:<br><br>- il-lingwa/i użati:<br><br>- in-numru ta' testi: |
| **6a** | **Għandek esperjenza professjonali fis-sottotitolar u d-doppjaġġ ta' films u/jew programmi għaċ-ċinema jew għat-televiżjoni, jew fit-tħejjija ta' programmi tar-radju?**<br><br>☐ Iva ☐ Le |
| 6b | Jekk iva, jekk jogħġbok indika:<br><br>- in-natura tal-esperjenza/i:<br><br>- il-funzjoni(jiet) tiegħek:<br><br>- il-lingwa/i użata/i:<br><br>- it-tul tal-esperjenza/i:<br><br>- in-numru ta' films u/jew programmi kkonċernati:<br><br>- in-numru ta' programmi tar-radju kkonċernati: |

| | |
|---|---|
| | |
| | **Għandek esperjenza professjonali fl-adattament tat-testi għall-prodotti multimedjali jew għas-siti tal-internet?**<br><br>☐ Iva ☐ Le |
| | Jekk iva, jekk jogħġbok indika:<br><br>- in-natura tal-esperjenza/i:<br><br>- il-lingwa/i użata/i:<br><br>- it-tul tal-esperjenza/i: |
| | |

KOMPETIZZJONI PE/AD/261/2021
Professjonist tal-lingwi u l-interkulturalità (AD 5)
DIKJARAZZJONI TA' GĦARFIEN TAL-LINGWA 3 u Lingwi oħra

KUNJOM u Isem

| Lingwa 3 - Lingwi oħra (differenti mil-lingwa 1 u l-lingwa 2 hawn fuq) | Lingwa 4 - Lingwi oħra (differenti mil-lingwa 1 u l-lingwa 2 hawn fuq) | Lingwa 5 - Lingwi oħra (differenti mil-lingwa 1 u l-lingwa 2 hawn fuq) |
|---|---|---|
| **Għarfien QKERL** | **Għarfien QKERL** | **Għarfien QKERL** |
| | | |

Firma tal-kandidat

Data

Magħmul fi